MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 42/2008

Go plc (C22334)

vs

Strategic Campaigns & Consultancy Ltd.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-11 ta' Novembru 2008, li jghid hekk :

'Illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata li thallas lis-socjeta' Go plc is-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin Ewro u sebgha centezmi (€244.07) dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21228942 [A/C no.40069123] skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u dawk tal-ittra ufficjali numru 351/2008 datata 28 ta' Mejju 2008, bl-

imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.'.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament innotifikata bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh, fit-8 ta' Jannar 2010, ma pprezentatx risposta in kontestazzjoni tat-talba attrici.

Fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2010, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallset xejn minnu. Fl-istess udjenza tat-2 ta' Frar 2010, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta, u fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2010, dawn il-kapitoli gew miftuha, u fl-assenza tas-socjeta' konvenuta jew rapprezentant taghha wara li giet debitament imsejha diversi drabi skond il-ligi, u baqghet ma deheritx, il-kapitoli gew approvati u mehuda bhala li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Illi l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici huwa ghall-hlas in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon bin-numru 21228942 li gie nstallat fil-fond 54A, Triq Sta. Lucija, Valletta, Malta, fil-25 ta' April 2006, fuq talba ta' Jimmy Magro ghall-kumpannija konvenuta, u dan kif jirrizulta mill-formola tal-applikazzjoni ghall-installazzjoni ta' servizz gdid tat-telefon esibita mis-socjeta' attrici, dokument EC1, liema servizz kien gie nterrott fit-13 ta' Frar 2007, wara li s-socjeta' konvenuta kienet waqghet lura fil-pagamenti sa minn Ottubru 2006.

Mill-istatement tal-kont esibiet jirrizulta li ghall-perjodu bejn is-7 ta' Ottubru 2006 sa meta gie effettivament sospiz is-servizz, is-socjeta' konvenuta m'ghamlet ebda hlasijiet minkejja li jirrizulta mill-istess kont li baqghet taghmel uzu mis-servizz tat-telefon offrut mis-socjeta' attrici.

Ikkunsidra fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, li s-socjeta' konvenuta effettivament ghamlet uzu mis-servizzi tat-telefon offrut mis-socjeta' attrici ghall-perjodu li jidher fl-istatement esibit, u li baqghet ma hallsitx il-kontijiet li kien ghad fadal pendenti wara li s-servizz kien gie sospiz, u wara li kienet saritilha wkoll interpellazzjoni ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali.

Ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin Ewro u sebgha centezmi (€244.07) dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21228942 [A/C no.40069123], bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-avviz tat-talba sal-eventwali hlas effettiv), u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess socjeta' konvenuta, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------